MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 231/1985/1

**Anthony Galea**

**Vs**

**Giuseppi Galea**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-3 ta' Awissu, 1982 il-konvenut hebb ghall-attur li kien f'ghalqa maghrufa "Tax-Xewkija", ir-Rabat waqt li kien qed isaqqi r-raba tieghu;

Premess illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, rizultanti minn feriti fuq il-persuna tieghu, partikolarment f'wiccu, telf ta'

xoghol u qligh, flus li kellu jhallas lil xi persuni biex jiehdu hsieb l-ghelieqi tieghu u spejjez ohra;

Premess illi l-istess konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat ta' dan l-incident, anki permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 1984;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi huwa ma kienx responsabbli ghall-incident illi gara fit-3 ta' Awissu, 1982, peress illi effettivament gie aggredit mill-attur stess u huwa kellu jiddefendi ruhu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi fit-tieni lok ma hemmx danni sofferti mill-attur li l-ligi taghna tippermetti r-rizarciment;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu inidikati;

Rat id-digriet tat-8 ta' Jannar 1986 li permezz tieghu gie nominat Dr. Paul Gauci Maistre bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit gudizzjarju li tinsab a fol. 51 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-26 ta' Frar 1997;

Rat il-provvediment moghti fl-udjenza tat-18 ta' Awissu 1997 li permezz tieghu gie nominat bhala perit mediku t-Tabib Kirurgu Frank Portelli sabiex jistabbilixxi jekk l-attur sofriex disabilita`;

Rat ir-rapport ta' l-istess perit mediku li jinsab a fol. 100 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Sfortunatament ma humiex skarsi l-kazijiet fejn jinqala' nkwiet, u nkwiet serju, bejn l-utenti ta' diversi bicciet tar-raba, spiss drabi frott ta' pika li ggorr il-piz taghha u thalli konsegwenzi anke gravi. Dan jigri fejn ma jkunx hemm ftehim car dwar il-*modus operandi* ta' bejniethom jew fejn dan jezisti, dawk obbligati ma jsegwuhx bil-bwona fede u dan mhux biss ghal dak li jinghad fih, izda wkoll, skond it-test tal-ligi, "ghall-konsegwenzi kollha ta' l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi." (Artikolu 993, Kodici Civili);

Fil-kaz in ezami l-kwestjoni centrali bejn il-kontendenti, ahwa mill-missier, tolqot it-tqassim ta' l-ilma. Gja qabel l-incident *de quo*, kif mistqarr mill-attur (seduta 5 ta' Dicembru 1986) kienu nqalghu diffikultajiet kif kellu

jitqassam l-ilma billi kulhadd ippretenda li jaghmel kif jaqbillu. Sahansitra, jirrizulta li sa gimgha qabel l-incident kien tqabbad avukat biex jittanta jghin lill-utenti tad-diversi appezzamenti jsibu soluzzjoni izda dan it-tentattiv sfuma fix-xejn;

Ix-xhud John Galea (seduta, 5 ta' Novembru 1993) jippuntwalizza l-qaghda b'din il-precizazzjoni:-

"Il-kwestjonijiet li kienu jinqalghu bejn l-ahwa kienu principalment fuq it-tqassim ta' l-ilma ghaliex ghalkemm il-kuntratt kien jghid kif kellu jinqasam l-ilma ma kienx hemm kontroll. Nispjega illi fil-kuntratt kien imnizzel l-ammont ta' sieghat li setghu juzaw l-ahwa pero` l-granet ma ssemmewx";

Jidher li sakemm il-missier kien ghadu jahdem ir-raba l-ftehim dwar it-tqassim ta' l-ilma ma kienx jigi osservat peress, illi, kif tghid Francesca Debono (Seduta, 19 ta' Jannar 1994) "konna nirrispettaw il-kelma tieghu". Dan jikkonfermah ukoll il-konvenut (Seduta, 13 ta' Mejju 1993) fejn xehed illi kienu juzaw l-ilma kif kien jghidilhom il-missier. Fil-fatt kienu javzaw preventivament lilu meta kien ikollhom bzonn isaqqu. Jidher ukoll illi meta l-bzonn ikun ta' aktar minn utent wiehed "l-ilma kien jittiehed minn min jigi l-ewwel" (Deposizzjoni ta' Pawlina Zahra, seduta, 19 ta' Gunju 1995);

Fis-sistema tal-ligijiet taghna, hlief ghal xi disposizzjonijiet generali fil-Kodici Civili, imkien ma nsibu normi specjali jew specifici li jirregolaw kwestjonijiet dwar l-uzu u r-ripartizzjoni ta' l-ilma. Minhabba din ir-raguni wkoll l-utenti jippretendu li jisservew kif jaqblilhom; *multo magis*, imbaghad, meta kif, bhal f'dan il-kaz, huma ma jkunux ipprovdew fil-ftehim ta' bejniethom ghal mod ekwitattiv tat-tqassim. Ir-rizultat ta' dan, kif fuq gja espress, iwassal ghal rapporti ta' tensjoni, inkwiet u glied dwar il-kontroll u l-kwantita` ta' l-ilma li jkun mehtieg. Hekk sehh f'dan il-kaz:

Jirrizulta li jum qabel l-incident, u nonostante li l-missier kien qallu li l-attur ried isaqqi wkoll, il-konvenut kien ha

hsieb jimla l-giebja mill-ispiera. L-ghada meta mar biex isaqqi sab lill-attur qed isaqqi wkoll bl-ilma li kien tella' hu. L-attur insista li kien ghad baqalu x'isaqqi pero` il-konvenut iddevja l-ilma ghaddej mill-kanal ghal gol-parti tieghu tal-ghalqa. Kien hawn, u minhabba f'dan, li nqala' l-incident li fih il-kontendenti gew fl-idejn. Kontro-ezaminat il-konvenut stqarr li minkejja dak li kien qallu missieru, hu xorta wahda mar biex isaqqi ghax ippretenda li l-ilma kien tieghu u ma stenniex lill-attur jispicca t-tisqija tal-bicca tieghu tal-ghalqa ghax ippretenda li dik kienet il-gurnata tieghu. Kien proprju dan li wassal ghall-konfront u kollutazzjoni;

Kif sewwa rrileva l-perit legali, bl-assistenza tal-kazistika fuq is-suggett, ghal materja konsimili japplikaw il-principji tad-dritt kriminali, fosthom dak li jissejjah "*system of conduct*" ("**Francesco Gauci –vs- Salvatore Gauci**", Appell Civili, 30 ta' Novembru 1956). Dan ghaliex id-danni kagunati fi glieda huma danni konsegwenzjali ghall-azzjoni kriminuza vera u proprja;

F'dan it-tip ta' incidenti l-verita "ghandha tkun ricerkata fil-valutazzjoni ta' l-isfond kollu tac-cirkostanzi antecedenti u konkomitanti, li mbaghad iservu ghall-apprezzament gust tax-xhiediet singoli" – "**Ferdinand Sant –vs- Giovanni Buttigieg et**", Appell, Sede Inferjuri, 30 ta' Gunju 1961;

F'din l-ahhar citata sentenza ssokta jinghad illi "fir-rankuri precedenti, li mbaghad jiskuppjaw fi glied, kull familja thoss li ghandha ragun hi, u fil-glieda tad-diversi membri kull wiehed jara ruhu, 'bene o male', bhala reagenti ghall-ingustizzja u bhala aggredit";

Fuq dan effettivament hi akkampata l-linja difensjonali tal-konvenut fejn jeccepixxi illi hu gie aggredit mill-attur u allura kellu jiddefendi ruhu. B'din id-difiza hu jistrieh fuq id-dispost ta' l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9) li jghid illi:-

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-

awtorita` legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."

Hi gurisprudenza konkordi illi rekwizit indispensabbli tal-legittima difiza hu l-inevitabilita`, u allura certament ma tistax tigi nvokata minn min mhux talli ma evitax l-okkazjoni, imma holoqha hu stess u fittixha ("**Il-Pulizija –vs- Philip Muscat**"), Appell Kriminali, 12 ta' Marzu 1960). F'kaz bhal dan ikun hu stess il-provokatur u allura la jista' jiddefendi ruhu bil-legittima difesa u lanqas bl-iskuzanti tal-passjoni (*calor rixae*);

Jinghad a propositu fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija –vs- Maria Agius**", Appell Kriminali, 22 ta' Ottubru 1960, "ma tistax tigi invokata din id-difiza meta min jinvokaha kien hu li aggredixxa l-ewwel; u l-aggressur ma tantx jista' jitlob l-istat ta' legittima difiza; u lanqas, kwindi, l-eccess tad-difiza, li tezigi appuntu dak l-istat.";

Fl-isfond tal-provi l-Qorti tikkonkorda ma' l-osservazzjoni tal-perit gudizzjarju illi l-aggressur kien il-konvenut u kien hu li pprovoka l-incident. Hu stess jikkoncedi li allavolja kien jikkmanda l-missier u li dan avzah li huh l-attur kien ser isaqqi l-ghada, xorta wahda ghaddas rasu u mhux biss ma stenniex lil huh jispicca jsaqqi, talli mar jaggredih fil-presenza u l-attendenza ta' uliedu. Dan fuq is-semplici pretest li dakinhar kienet il-gurnata tieghu tat-tisqija;

Anke kieku stess dan kien hekk il-kaz ma jidhirx, imbaghad, li hu agixxa fil-parametri ta' l-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili, dwar l-ezercizzju ta' jedd "fil-qies li jmiss", minghajr provokazzjoni, glied u eccessi. Konsegwentement hu ghandu jbati l-konsegwenzi ta' l-event dannuz li bl-att illecitu tieghu u b'ghemilu rrenda lill-attur;

Issa in materja tal-grad ta' disabilita` permanenti l-perit mediku bbaza d-deduzzjonijiet tieghu fuq ir-regoli addottati fl-Istati Uniti u kkonkluda li dan ghandu jkun ta' hmistax fil-mija (15%) (fol. 102). Fir-rigward din il-Qorti thossha fid-dover li tissolleva dawn ir-riflessjonijiet:-

I. Mhux necessarjament dak li jinghad f'legislazzjoni ta' gurisdizzjoni ohra, b'sistema aljena ghal dik taghna, ghandu bilfors jircievi applikabilita` ghalina f'kazijiet ta' accertamenti tal-grad ta' disabilita` u tal-likwidazzjoni tad-danni;

II. Dan aktar u aktar imbaghad meta fuq l-istess raguni u motiv – *self-consciousness* u *aesthetic aspect* – l-espert mediku *ex parte* ta' l-attur innifsu ccertifika li fil-fehma tieghu l-grad ta' disabilita` ghandu jkun ta' hamsa fil-mija (5%) – Ara certifikat tal-Prof. Carmel Apap Bologna a fol. 90;

III. Anke kieku wiehed kellu jaddotta l-kriterji kif stabbiliti mil-ligi u r-regoli ta' l-Istati Uniti wiehed isib illi *partial loss*, kif hekk inhu dan il-kaz, huwa ekwivalenti ghall-ghaxra fil-mija (10%) tad-dizabilita` totali permanenti, u ghalhekk ukoll difficilment jiftiehem kif l-perit mediku ikkonkluda li l-percentwali ghandha tkun ta' hmistax fil-mija (15%);

Fic-cirkostanzi u b'sens ta' gustizzja, bl-adozzjoni ta' l-arbitriju, il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonsidra grad ta' mhux aktar minn ghaxra fil-mija (10%) korrispondenti ghad-differenza bejn il-percentwali ta' l-espert *ex parte* u l-percentwali stabbilita mill-perit mediku. B'hekk oltre li tagevola lill-attur fuq il-percentwali raggunta mill-konsulent mediku tieghu, fl-istess waqt ma ttaqalx intortament, b'adezjoni ta' indikaturi esagerati, il-piz li jrid jgorr il-konvenut, konsiderati l-fattispeci f'dan il-kaz partikolari;

Mill-provi ma jirrizultax kemm kellu eta` l-attur fil-mument ta' l-incident (3 ta' Awissu 1982). Pero` mic-certifikat tal-konsulent mediku tieghu jinghad li ghandu "49 years". Mhux precizat pero` jekk din l-eta` tikkorrispondix ghaz-zmien ta' l-incident jew ghal dak tar-redazzjoni tac-certifikat (14 ta' Marzu 1994). Ghalkemm wiehed jifhem illi din l-eta` ghandha tkun ragjonevolment apportata maz-zmien li fih l-attur gie ezaminat fid-9 ta' Marzu 1994 mill-espert mediku tieghu. Li jfisser li fiz-zmien ta' l-incident l-attur kellu sebgha u tletin (37) sena;

Hu pacifiku minn dak rilevat mill-izvilupp gurisprudenzjali fuq is-suggett tal-likwidazzjoni tad-danni ghal griehi personali illi l-Qrati taghna ilhom ghal zmien li abbandunaw il-kriterju addottat bhala *multiplier* sa massimu ta’ ghoxrin (20) sena. B’danakollu, kif enuncjat ukoll, dan necessarjament ma jfissirx illi f’kull kaz il-kalkolu taz-zmien ta’ *life expectancy*, fis-sens ta’ aspettativa ta’ hajja lavorativa, kellha tekwivali ghad-differenza bejn l-eta` tad-danneggjat u l-eta` pensjonabbli. Il-grad u x-xorta ta’ debilita` jassumu l-importanza taghhom u hekk ukoll il-kwalita` tax-xoghol, sengha u kapacita` lavorativa tieghu;

Rigwardata l-eta` ta’ l-attur fil-mument ta’ l-akkadut, il-fatt li l-bniedem ma jkomplix jaghmel l-istess tip ta’ xoghol minhabba l-kwalita` ta’ strapazz u fatturi ohra konkomitanti tac-“*chances and changes of life*” ghal dawn l-aspetti, fosthom il-fatt rizultanti mill-provi illi d-debilita` ma incedietx fuq il-kapacita` tal-hidma ta’ l-attur, il-Qorti thoss li *multiplier* ta’ sbatax (17) il sena “*years purchase*” hu wiehed gust u rejalistiku;

Mill-kontijiet tat-taxxa (Dok. AG21 sa AG11) il-Qorti tinnota illi bhala medja l-attur kien qed jiddikjara qliegh nett mix-xoghol ta’ gabillott ta’ elf mitejn u sittin lira (Lm1260) fis-sena fiz-zmien ta’ qabel, u immedjatament wara, l-incident. Tenut kont ta’ dan il-qliegh, il-*multiplier* u l-percentwali ta’ dizabilita` il-kalkolu jwassal ghall-ammont ta’ elfejn mija u tnejn u erbghin lira Maltija (Lm2142);

Konsiderat li l-incident sehh ‘il fuq minn ghoxrin (20) sena ilu l-Qorti ma thossx li ghandha tipprovdi ghal detrazzjoni minn din is-somma ghal dak li solitament jigi provvdut fil-kaz ta’ “*lump sum payment*”. Dan anke ghaliex it-trapass taz-zmien ma kellux jimmilita favur id-danneggjant u kontra l-vittima li ssubiet id-dannu. Ara sentenzi fl-ismijiet “**Mark Caruana –vs- Grazio sive Horace Camilleri**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 5 ta’ Ottubru 1993; “**Lawrence Caruana –vs- Anthony Falzon**’, Appell, 5 ta’ Ottubru 2001;

Fl-ahharnett ghal dak li hu *damnum emergens* il-Qorti takkolji bhala cifra idonea s-somma raggunta mill-perit

legali u minnu ffissata fl-ammont ta’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm123).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-3 ta’ Awissu 1982 li fih l-attur gie aggredit u ssubixxa debilita` ta’ natura permanenti;

Tilqa’ t-tieni domanda u tillikwida d-danni naxxenti minn dan l-incident fis-somma komplessiva ta’ elfejn mitejn u hamsa u sittin lira Maltija (Lm2265);

Tilqa’ wkoll it-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija in linea ta’ danni flimkien ma’ l-interessi dekorribbli mid-data ta’ dan il-gudikat.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------